IV

(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Novembru 2009

dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein dwar ir-regoli supplementari fir-rigward tal-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013

(2010/374/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2), flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sal-2013 bħala parti mill-Programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" [1] l-istati assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen għandhom jipparteċipaw fil-Fond skont id-dispożizzjonijiet tagħha. Għandhom jiġu konklużi arranġamenti li jispeċifikaw ir-regoli supplementari neċessarji għal tali parteċipazzjoni, inkluż dispożizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità u s-setgħa tal-verifika tal-Qorti tal-Awdituri.

(2) Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill lill-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2007, ġew konklużi negozjati mar-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein u l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein dwar ir-regoli supplementari fir-rigward tal-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ġie inizjalat fit-30 ta' Ġunju 2009.

(3) Suġġett għall-konklużjoni f'data aktar tard, il-Ftehim għandu jiġi ffirmat u applikat fuq bażi provviżorja.

(4) Skont Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Billi din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen skont id-disposizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, id-Danimarka għandha, skont l-Artikolu 5 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni jekk hijiex sejra timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp ta' dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex dan jieħu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen [2] u d-Deċiżjoni sussegwenti tal-Kunsill 2004/926/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar id-dħul b'effett ta' partijiet tal-acquis ta' Schengen mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq [3]. Għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhuwiex marbut bih jew suġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp ta' dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tipparteċipax fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 fir-rigward tat-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen [4]. Għaldaqstant l-Irlanda mhix qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

[1] ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22.

[2] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

[3] ĠU L 395, 31.12.2004, p. 70.

[4] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein dwar ir-regoli supplementari fir-rigward tal-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") u d-Dikjarazzjonijiet tiegħu huma b'dan approvati f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim.

It-test tal-Ftehim u d-Dikjarazzjonijiet tiegħu huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuni mogħtija s-setgħa li jiffirmaw l-Ftehim f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Pendenti t-tlestija tal-proċeduri għall-konklużjoni formali tiegħu, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja skont id-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 13 (5) tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

B. ASK